# Il-kappella ta' San Leonardu ta' Wied Liemu
# - Rabat -

Noel Ciantar

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

F'parti mill-kampanja li tinsab madwar ir-Rabat ta' Malta, insibu post imsejjaħ "*ix-Xagħra ta' San Leonardu*" . F'dan il-post insibu xenarju mill-isbaħ u ħafna art fertili u agrikola. Wieħed mill-eqdem bini li nsibu f'dawn l-inħawi hija il-knisja tal-Lunzjata u naqra ta' kunvent ċkejken magħha.

Taħt din il-knisja, insibu għar li kien iservi bħala knisja antika ddedikata lil San Leonardu. Din il-knisja hija għalhekk knisja trogloditika u tmur lura għaż-żmien tal-medjuevu tardiv, qabel ma l-knisja ta' fuqha tal-Kunzjata kienet inbniet. Il-professur Mario Buhagiar jiddeskrvi dan is-sit bħala "*sit ta 'interess artistiku u arkeoloġiku notevoli li jixraqlu l-ogħla livell ta' protezzjoni*".

**Il-bidu**

Id-data preċiża ta' meta ġew il-patrijiet Karmelitani f'Malta mhix magħrufa. Nafu iżda li fil-5 ta' Ġunju tal-1418 sar testment minn mara nobbli ta' nisel Spanjol, jisimha Margarita d'Aragona de Peregrino, li ħalliet knisja tal-kampanja ddedikata lill-Annunzjazzjoni flimkien mal-kunvent ta' magħha fl-inħawi ta' San Leonardu fil-limiti tal-Rabat tal-Imdina, biex tintuża minn xi ordni reliġjuż bl-obbligu li l-membri tiegħu jgħidu kuljum l-Uffiċċju Divin fil-knisja msemmija. Ta' min jgħid li Donna Margarita ma ħallietx din l-art speċifikament lill-Patrijiet Karmelitani iżda ħallietha lil xi ordni ta' Patrijiet Mendikanti, li dawk iż-żminijiet bdew jiġu f'Malta, u li riedu jużawha b'dan il-mod.

Donna Mrgarita kienet il-mara ta' Giacomo de Peregrino li kien imlaħħaq bħala l-"*Kaptan ta' Malta*" mir-Re ta' Sqallija nnifsu. Dan kellu ambizzjonijiet

politiċi tant li daħal fi nkiewt u djun u kellu jiġi r-Re Frederiku IV innifsu f'Malta biex iħoll il-kobba nkwiet li kien daħal fiha. De Peregrino reġa' waqa' fl-inkwiet ieħor simili u fl-1372 kellu jerġa' jiġi r-Re innifsu biex isolvi-problemi. Din id-darba jidher li de Peregrino anke offra xi reżistenza lir-Re u inagħlaq fil-*Castrum Maris* fil-Birgu. Iżda s-saħħa politika u l-ambizzjonijiet tiegħu issa kienu spiċċaw fix-xejn u kien intbagħat 'il himm minn Malta eżiljat.

Madankollu, il-propjetà li kellu baqgħet tgawdiha l-mara tiegħu Donna Margarita u għalhekk setgħet tagħti dawn l-artijiet lil xi ordni mendikanti fl-aħħar testment tagħha tal-1418. Barra l-art f'Wied Liemu, il-Karmelitani inagħtaw il-palazz fejn kien joqgħod de Peregrino fl-Imdina. Fejn illum insibu l-knisja tal-Karmelitani u il-kunvent togħhom jista' possibilment kien is-sit tal-palazz ta' de Peregrino.

**Għar ta' San Leonardu**

Fil-viċinazi tal-knisja tal-Luzjata, insibu l-għar ta' San Leonardu, li minnu ħareġ l-isem ta' dawn l-inħawi. Dan l-għar, forma ta' kappella antika ħafna, kien ukoll tħalla lill-Karmelitani. Tasal għalih minn trejqa qalb l-għelieqi u taraġ m'għola sular li jieħdok għal bieb żgħir, magħluq b'rixtellu tal-ħadid, li għalkemm jipproteġi mis-serq u l-vandaliżmu, ma jipproteġix mill-elementi tan-natura.

Il-knisja troglodidika ta' San Anard ta' Wied Liemu hija ppreservata tajjeb. Il-kittieb Sqalli Rocco Pirri, fl-1638 ħallielna kitba ta' għidut qadim li kien jgħid li komunità ta' eremiti kienu jgħammru fl-għerien tal-inħawi u li kienu jiltaqgħu biex jitolbu flimkien f'din il-knisja troglodidika.

Din il-knisja trogloditika, li tmur lura lejn il-bidu tas-seklu tlettax, sarulha tibdiliet u alterazzjonijiet lejn il-bidu tas-seklu ħmistax meta s-sit ingħata lill-komunita ta' patrijiet Karmelitani. Fost iż-żidiet li jispikkaw kien hemm il-bini tal-apside f'forma tonda ċilindrikali. Mill-banda l-oħra, il-bankijiet tal-ġebel imnaqqxa fil-ħajt ("*dikkiena*") probabilment kienu jagħmlu parti mill-knisja oriġinali.

Bħalma nafu, San Anard (San Leonardu) ma kienx qaddis Sikulo Normann (kien minn Limoges, fi Franza) iżda kellu kult qawwi fi Sqallija fi żmien in-Normanni. Huwa l-qaddis protettur ta' dawk li kienu jaqgħu fil-jasar. Għalhekk

lil dan il-qaddis narawħ iżomm f'idejħ katina li tissimbolizża l-ħelsien mill-jasar.

Eżatt kif tidħol fiha, fuq innaħa tal-lemin, din il-knisja trogloditika fiha fdalijiet ta' pittura ta' San Leonardu li jidher li saret fis-seklu ħmistax jew aktar tard. Il-karatteristika l-iktar notevoli tagħha hija l-apside ċilindriku mibni, li fi żmien kellu pittura fuqu u li kien baqa' jidhru biss xi biċċiet ta' ġibs miżbugħ

Minkejja dan, jista' jkun li din il-pittura kienet saret flok oħra ta' stil Sikulo-Bizantin bħalma kien ġara fi bnadi oħrajn bħalma ngħidu aħna fil-knisja trogloditika ta' Sant'Agata. Mhux l-ewwel darba li naraw pitturi li jkunu saru fil-medjuevu tardiv li iżda jkunu kopji kważi fidili ta' oħrajn qabilhom u għalhekk ta' stil aktar antik Dan juri kemm kultant hu diffiċli biex tiddata ħwejjeġ tal-arti skont l-istil biss aktar u aktar meta ma jkun hemm l-ebda dokumentazjoni.

Din il-knisja trogloditika hija mfassla f'għamla ta' nofs tond u fuq kull naħa hemm daħliet imħaffrin fil-ġnub tal-għar. Għandha wkoll id-dikkiena maqtugħun fil-blat. L-istatwa żgħira ta' San Leonardu li kien hemm fuq l-altar tneħħiet u tqiegħed f'kuridur fuq barra tad-dar tat-talb annessa mal-knisja u kunvent tal-Lunzjata tal-patrijiet Karmelitani.

**Pittura ġdida**

Il-Professur tal-Istorja Mario Buhagiar, f'ittra lit-Times of Malta li dehret nhar il-Ħadd, 6 ta' Mejju tal-2018, jgħid li xi għaxar snin ilu kien iddiskuta s-sit ma' Sharon Cather, Professur tal-Istudji ta' Konservazzjoni fl-*Istitut Courtauld* f'Londra, u din ħasset li dan kien sit li jistħoqqlu investigazzjoni xjentifika.

Dan issa m'għadux possibbli. Fl-aħħar sentejn, l-apside tqaxxret sabiex issir pittura ġdida ta' San Leonard u l-Verġni Marija mal-ħajt fi stil Biżantin falz ("*sham*" skont il-Professur Buhagiar), u fil-proċess qerdet l-evidenza storika u arkeoloġika ta' arti prezzjuża li kien seta' baqa'. Biex inkomplu nikkwotaw mill-ittra tal-Professur Buhagiar, "*dan huwa eżempju flagranti ta' dak li jistgħu jagħmlu l-injoranza, l-inkompetenza u n-nuqqas ta' sensittività għall-wirt nazzjonali. Għar San Anard ġie degradat u misruq minn potenzjal dijanjostiku artistiku u storiku mportanti.*"

Il-Professur Buhagiar ikompli jgħid li “*l-ironija hija li dan l-intervent meskin preżumibbilment sar bl-aħjar intenzjonijiet biex jagħti lill-grotta appell aktar ġdid tal-kult u jipreżumi li dawk responsabbli huma kuntenti b'dak li kisbu*”. Il-professur jikkonkludi li dan iżid it-traġedja ta' Għar San Anard.

Aħna tas-sit www.kappellimaltin.com kumbinazzoni żorna dan is-sit ftit ġranet qabel, fl-1 ta’ Mejju tal-2018, għalkemm nisħqu li m’hemm l-ebda rbit bejn iż-żjara tagħna u l-ittra tal-Professur Buhagiar. M’għandna xejn xi nżidu ma’ dak li qal il-professur għax dan qal kullma kellu jingħad mingħajr tlaqlieq. L-unika ħaġa li forsi wieħed jista’ jżid hu li almenu l-framment li għadu jeżisti tal-affresk oriġinali ta’ San Leonardu inti u dieħel fil-grotta fuq il-lemin ma’ tmessx. Nisperaw li t-tagħlima ttieħdet u almenu dan il-framment ma jintmessx u jiġi ppreservat b’mod xjentifiku u minn esperti fil-materja.